MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 472/2015

**Fl-atti tal-Mandat Kawtelatorju ta` Sekwestru Nru. 1304/2014 fl-ismijiet :**

**L-Avukat Dr. Patrick J Galea (I.D. numru 639759M) bhala mandatarju specjali tal-assenti Margit Ceszkowski**

**vs**

**M. Architecture Limited (C 30595)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta` M. Architecture Limited (C 30595) tad-19 ta` Mejju 2015 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet ir-revoka u thassir in parte tal-mandat fl-ismijiet premessi salv l-ammont ta` €55,368.52, bl-applikazzjoni tal-Art. 836(f) tal-Kap. 12.

Rat id-digriet taghha tal-20 ta` Mejju 2015.

Rat ir-rikors tal-istess socjeta` rikorrenti fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet lill-Qorti sabiex tittratta r-rikors bl-urgenza.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta` Mejju 2015, li permezz tieghu varjat id-digriet taghha tal-20 ta` Mejju 2015 billi tat lill-intimat zmien sat-22 ta` Mejju 2015 fit-03:00pm biex jipprezenta risposta, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghal-lum fl-10:00am.

Rat ir-risposta tal-intimat Avukat Dr. Patrick J Galea nomine tat-22 ta` Mejju 2015 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, sostna illi t-talbiet kellhom jigu michuda.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri fl-udjenza tal-lum.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza, fejn halliet ir-rikors ghal provediment in camera.

Rat l-atti tal-procediment.

Dan huwa l-provediment.

**Ikkunsidrat :**

Illi r-rikorrenti ressqet it-talba taghha abbazi tal-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12, li jaqra hekk: "*Jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.*"

Illi mill-assjem ta` fatti li ngabu a konjizzjoni taghha, partikolarment l-entita` ta` flus li huma diga` kolpiti bil-Mandat fuq riferit, din il-Qorti, wara li qieset ir-ragunijiet li wasslu lir-rikorrenti sabiex tipprezenta r-rikors tal-lum, issib illi fic-cirkostanzi ma jkunx ragjonevoli illi l-Mandat jibqa` estiz **ukoll** ghall-figura ta` €55,368.52.

**<u>Provediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tipprovdi dwar ir-rikors billi tilqa` t-talba tar-rikorrenti fis-sens illi qieghda tirrevoka <u>in parte</u> l-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1304/2014 fl-ismijiet premessi, billi tghid li mill-ammont diga` kawtelat bil-Mandat, ghandha tigi mehlusa s-somma ta` hamsa u hamsin elf, tliet mija tmienja u sittin Euro u tnejn u hamsin centezmu (€55,368.52) sabiex din tintuza <u>specifikament</u> mir-rikorrenti ghall-finijiet indikati fir-rikors. Ghalhekk tordna lir-rikorrenti sabiex, fi zmien sebat ijiem mid-data tal-pagament ta` dak l-ammont ghall-iskop indikat fir-rikors, tipprezenta kopja legali tar-ricevuta tal-hlas sabiex tkun tifforma parti mill-atti tal-Mandat.**

**Tordna li l-ispejjez ta` din il-procedura jithallsu mir-rikorrenti.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM---------------------------------